MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH CASSAR**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2004

Rikors Numru. 6/2002/1

Rikors Nru: 6/02

Kummissarju ta' l-Art

vs

Dr John Bugeja Caruana LL.D.

Il-Bord,

Ra r-rikors tal-Kummissarju ta' l-Artipprezentat fid-9 ta' Jannar, 2002 fejn espona:

Illi l-intimat gie notifikat b'Avviz ghall-Ftehim datat 27 ta' Novembru, 2001 fejn gie nfurmat li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art f'Hal Qormi, tal-kejl ta'

madwar 1,948 metri kwadri, li tmiss mill-Grigal u mill-Lbic ma' proprjeta' ta' Dr John Bugeja Caruana LL.D., u mill-Majjistral ma' proprjeta' tal-werrieta ta' Vittoria Sant Cassia u rjieh verjuri, huwa ta' elfejn, sitt mija u ghoxrin Lira Maltija (Lm2,620), kif jidher mir-rapport tal-perit Frederick H. Valentino A&C.E. tat-8 ta' Novembru, 2001, li kopja tieghu Dok A hija annessa ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali datata 17 ta' Dicembru, 2001 l-intimat fost affarijiet ohra ddikjara li ma jaccettax il-kumpens offert u jitolbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta' tnax-il elf tlett mija u seba' u sebghin lira Maltija (Lm12,377).

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimat biex jittrasferixxi favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera l-bicca art fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jagixxi minn floku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-preovvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88)
Ra r-risposta pprezentata mill-intimat fejn espona:

Illi l-prezz gust ghall-esproprijazzjoni tal-art in kwistjoni huwa dak minnu imsemmi fl-ittra ufficjali minnu pprezentata u mhux dak offert mir-rikorrent.

Ra li l-intimat gie debitament notifikat.

Semgha x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ra d-digriet tieghu tas-17 ta' Marzu, 2000 li bih gew mahtura periti l-AIC Joseph Mizzi u l-AIC David Pace.

Ra r-relazzjoni ta’ l-imsemmija periti.

Ikkunsidra:

1. Il-Bord jifhem li dak li qed jissottometti l-intimat hija kwistjoni ta’ fatt: kemm tiswa l-art in kwistjoni tenut kont ta’ dak li jghid il-Kap 88 tal-Ligijiet ta’ Malta. Il-Bord hatar il-periti, kif kellu dmir li jaghmel skond l-Artikolu 25(3) ta’ l-imsemmi Kap. X’jaghmel fid-decizzjoni tieghu l-president tal-Bord huwa mqis mill-Artikolu 25(5) ta’ l-istess ordinanza. Il-periti jridu jimxu mal-ligi li saret l-ewwelnett biex Gvernijiet kolonjali jiehdu f’idejhom art fejn kien hemm siti arkeologici u fejn art kienet tajba biex fuqha tinbena fortizza. Hekk il-kultura thaltet mal-gwerra. Sallum il-kultura tal-bniedem ghadha ma qerditx il-gwerra. Barra din il-hidma tal-gvernijiet infirdet ghall-gid tal-poplu. Iz-zminijiet jinbidlu, drabi, ligijiet ukoll. Imma mhux dejjem. Hawn il-konstituzzjonijiet li jharsu l-jeddijiet tal-bniedem hu min hu. Jeddijiet li politikament gejjin aktarx mill-“ghajn liberali” u mhux mill-“ghajn socjali”. Imma l-gjudikant ghandu jifhem li l-ghan tal-ligi hu “li jipprovdi ghall-interess reali u prattiku biex proprju jirrikoncilja l-interess pubbliku ta’ l-esproprijazzjoni ma’ l-interess privat”. (“Gera de Petri vs Kummissarju ta’ l-Art”; Prim Awla per Philip Sciberras, 3 ta’ Ottubru, 2003). Jifhem ukoll li l-periti ghandhom diskrezzjoni wiesgha dejjem fil-parametri tal-ligi.

2. F’dan il-kaz il-periti mahtura mill-Bord la qed jaqblu mal-perit li ghamel l-istima ghall-Kummissarju ta’ l-Art u lanqas mal-perit li ghamel stima ghall-intimat. “Il-Kumpens dovut f’kull kwalita’ ta’ obbligazzjoni kommutattiva jrid ikun rispettuz tal-kuncett li fuqu tistrieh id-dualita’ tad-dritt/obbligazzjoni cioe’ il-commutation” (Kummissarju ta’ l-Art vs Attard et, Appell Civili 20 ta’ Marzu, 1991). Fl-ahhar mill-ahhar f’dan il-kaz hemm qbil li l-art hija “agrikola”. F’dan l-isfond il-Bord ma jistax jaqbel ma’ dak li qed jissottometti l-abbli difensur ta’ l-intimat.

3. Fir-relazzjoni tal-periti, l-art, wahda agrikola, ghandha tigi stmata fl-ammont ta’ sitt elef, disa mija u

tletin lira Maltija (Lm6,930). Din ir-relazzjoni ghandha taghmel parti shiha minn din is-sentenza.

Ra li l-intimat diga zbanka l-ammont ta' erbat elef u sebghin lira Maltija (Lm4,070) depozitati b'cedola numru 133/2003 P.A..

Ghalhekk il-Bord jilqa' t-talba tar-rikorrent u jordna favur tieghu it-trasferiment mill-intimat bhala libera u franka, b'titolu ta' xiri assolut ta' bicca art f'Hal Qormi, tal-kejl ta' madwar 1,948 metri kwadri, li tmiss mill-Grigal u mill-Lbic ma' proprjeta' ta' Dr John Bugeja Caruana LL.D., u mill-Majjistral ma' proprjeta' tal-werrieta ta' Vittoria Sant Cassia u rjieh verjuri, bil-kumpens ta' sitt elef, disa mija u tletin lira Maltija (Lm6,930) li minnhom diga thallsu erbat elef u sebghin lira Maltija (Lm4,070).

Jahtar lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew in-nutar li jkun qed jahdem minnfloku biex jippubblika l-att relattiv fid-29 ta' Dicembru, 2004 fl-10:00a.m.fl-ufficcju tieghu u lil Dottor David Borg biex jidher fuq l-att biex jipprezenta lill-kontumaci.

Il-Bord fid-diskrezzjoni tieghu jordna li l-ispejjez ta' din il-procedura u tal-pubblikazzjoni ta' l-kuntratt ghandhom jithallsu mir-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------